# QORTI ĊIVILI
# Sezzjoni Familja

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta**
**Disgħa u għoxrin (29) ta’ Marzu 2022**

**Rikors Numru 44/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**MMM**
**(ID 333985M)**

**Vs**

**DDD**
**(ID 504583M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 23 ta’ Frar 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent DDD talab is-segwenti:

   *Illi permezz ta' Mandat ta' Sekwestru maħruġ minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi, ir-rikorrenti talbet li tali mandat fl-ammont ta' Eur 120,000 jinħareġ kontra l-esponent żewġha "rappreżentanti s-sehem tagħha mill-valur konservattiv attribwit lil fond matrimonjali, proprjeta' tal-partijiet, opra tal-baħar proprjeta' tal-konjuġi, oltre l-manteniment dovut mill-Intimat lir-rikorrenti għat-trobbija ta' ulied il-partijiet ossia EUR 300 għal kull wild kull xahar kapitalizzat, in vista tal-entrojtu tal-Intimat.*

   *Illi l-esponent jirrileva illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat suindikat saret wara li kien hu li beda proċeduri ta' medjazzjoni għas-separazzjoni personali minn mar-rikorrenti (ittra nm. 1130/2021 ippreżentata nhar il-5 ta' Ottubru 2021) u dan għaliex kien sar jaf bit-tielet relazzjoni adultera tagħha tul iż-żwieġ tagħhom. Sussegwentement, sabiex issallab lill-*

*esponent, ir-rikorrenti ressqet malizzjożament proċeduri ta' medjazzjoni hi ukoll (fis-7 ta' Diċembru 2021), meta kienet diġa’ ġiet notifikata b'dik imressqa minnu, akkumpanjata bil-mandat odjern.*

*Illi l-esponent jirrileva wkoll illi fil-bidu ta' tali separazzjoni, l-intimat baqa' jħallas il-pagamenti fuq is-self mal-bank kollha hu, inkluż tal-fond matrimonjali u għalhekk la darba kienet ir-rikorrenti li baqgħet tgħix fil-fond, huwa ħass li b'tali ħlas huwa kien qiegħed jagħmel tajjeb għall-manteniment tal-ulied li dak iż-żmien kien anke għadu jħallas għal parti sostanzjali mill-ispejjeż tagħhom.*

*Illi ftit jiem wara il-ħruġ tal-mandat, iben il-partijiet li għandu kważi 15 - il sena, wara diversi ġlied m'ommu fosthom għax kienet tippretendi li hi toħroġ mas-sieħeb tagħha u tħalli lilu waħdu jieħu ħsieb lil oħtu, ġie mkeċċi mid-dar minnha stess u ilu għalhekk jgħix ma' missieru għand in-nanna paterna għal dawn l-aħħar xahrejn. Iben il-partijiet għamilha ċara li ma jridx jerġa’ jirritorna jgħix m'ommu.*

*Illi għalhekk, l-esponent qiegħed jieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tal-iben u r-rikorrenti tieħu ħsieb dawk tal-bint ta' 7 snin.*

*Illi minkejja li m'hemm l-ebda digriet ta' manteniment għall-ebda wieħed/waħda mill-ulied, ir-rikorrenti qiegħda tippretendi li għax l-esponent kellu salarju tajjeb dovut għal-fatt li hu kien jaħdem mijiet ta' sigħat fix-xahar f’overtime, huwa għandu xorta waħda jħallas manteniment għall-bint (u hi ma tħallas xejn għall-manteniment tal-iben). Inoltre hija tippretendi wkoll li l-esponent jibqa' jħallas il-pagamenti fuq is-self bankarju tad-dar meta fid-dar qiegħda tgħix hi ad esklużjoni tiegħu.*

*Illi oltre l-fatt li legalment it-talbiet tar-rikorrenti ma jagħmlux sens, sussegwenti għall-ħruġ tal-mandat, l-esponent ma jistax iħallas tali pagamenti meta bl-ekwivalenti ta' paga minima irid jgħix hu u ibnu kif ukoll iħallas lil ommu għall-ikel u t-tindif tal-ħwejjeġ tagħhom. Dan kollu qiegħed fil-fatt jirreka preġudizzju serju kemm fuq l-esponent kif ukoll fuq ir-rikorrenti stess għaliex il-pagamenti fuq is-self ilhom ma jitħallsu minn mindu nħareġ tali mandat u fil-fatt il-bank diġa’ beda l-ewwel passi biex jipproċedi legalment kontra l-partijiet.*

*Illi inoltre ir-rikorrenti taħdem bħala hairdresser, kemm bħala impjegata kif ukoll bħala freelance u għalhekk hija wkoll għandha l-introjtu tagħha.*

*Illi ċertament li tali mandat inħareġ purament biex ir-rikorrenti tkompli ssallab iktar lill-esponent għaliex fil-verita' m'hemm xejn x'jiġi kkawtelat. Il-fond immobbli ġie akkwistat waqt iż-żwieġ u għalhekk l-esponent ma jistax jiddisponi minnu waħdu (oltre l-fatt li hija r-rikorrenti li qiegħda tgħix fih). Dwar manteniment, kif spjegat, qatt ma sar l-ebda rikors u m'hemm l-ebda digriet u għalhekk m'hemm l-ebda bażi għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju abbazi ta' "manteniment dovut". Dan, aktar u aktar meta kif spjegat, il-partijiet għandhom taħt il-kura u kustodja tagħhom, wild kull wieħed.*

*Illi ċertament li l-preġudizzju li qiegħed isofri l-esponent huwa wieħed sproporzjonat u wieħed li m'għandux jeżisti, speċjalment meta tali mandat qed iżomm lill-esponent milli jkun jista' jħallas sehemu mis-self mal-bank kif ukoll qiegħed iżommu milli jħallas għall-bżonnijiet kollha tal-iben, fosthom milli jixtrilu dak kollu li għandu bżonn.*

*Illi l-esponent dejjem kien bieżel u ħadem sigħat twal qabel ma nbeda l-proċess ta' separazzjoni u l-partijiet u uliedhom qatt ma kienu nieqsa minn xejn. Ta' dan l-esponent qiegħed jiġi ppremjat billi l-paga tiegħu tiġi ssekwestrata mingħajr ebda bażi fondata bir-riżultat li la hu u lanqas ibnu ma jistgħu jgħixu komdi stante li spiċċaw jabitaw f'kamra waħda għand in-nanna paterna għaliex ċertament illi mhux qed jifdallu biżżejjed biex jikri fond għal rasu. A kuntrarju ir-rikorrenti, wara li kissret iż-żwieġ, baqgħet tgħix fil-fond matrimonjali u qed tippretendi wkoll li hi ma tħallasx manteniment għal binha iżda li l-esponent iħallas manteniment għal binthom u li jħallas ukoll sehemu mis-self fuq il-fond matrimonjali waqt li rabtitlu jdejh b'sekwestru li ċertament ma kienx mistħoqq.*

*Illi ċertament li mhux biss it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru ma kellhiex issir, talli l-effett tagħha huwa; wieħed li qiegħed jippreġudika lill-esponent, lill-ibnu kif ukoll lir- rikorrenti stess li bl-aġir tagħha jaf tispiċċa mingħajr saqaf fuq rasha jekk proċeduri legali.*

*Illi l-esponent jirrileva illi l-mandati kawtelatorji għandhom skop preċiż u ċioe' illi jħarsu l-interessi ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom xejn aktar u xejn anqas. Ċertament illi l-mandati m'għandhomx l-iskop illi jissikkaw lid-debitur (f'dan il-każ ir-rikorrent) aktar milli jmissu u aktar milli tkun ikkawtelata l-pretensjoni tal-kreditur (Ara digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili per Imħallef Dr T. Mallia nhar it-3 ta’ Lulju 2003 fl-ismijiet 'Emmanuel Sammut et v. Josephine Sammut');*

*Illi għalhekk isegwi li m’hemm l-ebda raġuni li tiġġustifika li l-mandat 'de quo', senjatament in kwantu fejn jolqot l-introjtu tiegħu, għandu jibqa’ fis-seħħ. M'hemmx il-ħtiġijiet skont il-liġi sabiex dan jibqa’ fis-seħħ u fi kwalsiasi każ l-istess Mandat huwa wieħed eċċessiv;*

*Għaldaqstant, in vista tar-raġunijiet hawn fuq spjegati, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*Tirrevoka, tħassar u tikkanċella ‘in toto od in parte’ il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 221/21 għar-raġunjiet imfissra.*

2. Rat illi fit-22 ta’ Marzu 2022, MMM laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

*Illi permezz tar-rikors tiegħu ir-rikorrent sekwestrat qiegħed jittanta jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti “tħassar u tikkanċella ‘in toto od in parte’ il-*

*mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 221/21 għar-raġunijiet imfissra” fl-istess rikors tiegħu.*

*Illi jibda biex jingħad illi l-allegazzjonijiet fil-mertu kollha li saru fil-konfront tagħha hija ser tagħżel li twieġeb għalihom fil-fora opportuni stante li f'din l-istanza jeħtieġ biss illi dina l-Onorabbli Qorti tevalwa jekk effettivament hijiex ġustifikata meta mqabbla mal-assi u d-dħul tal-partijiet u assolutament xejn aktar.*

*Illi fil-fatt l-esponenti tista' twieġeb billi telabora dwar liema abbużi varji ssoġġettat ruħha għalihom matul is-snin inkluż riċentement vjolenza ta' natura fiżika li fuq l-iskorta tagħha l-istess rikorrent safa mressaq b' arrest u mkeċċi minn daru imma ser tagħżel li tagħmel dan f’istanzi oħrajn.*

*Illi fir-rigward tal-mandat u t-talbiet tagħha innifishom jiġi rilevat illi r-raġuni għalfejn l-esponenti ġiet kostretta tintavola proċeduri ta’ medjazzjoni inkluż il-mandat odjern fil-fatt kienet fil-fatt għaliex l-istess rikorrent, għal uħud mir-raġunijiet elenkati minnu fir-rikors beda jirrifjuta li jħallas manteniment, dakinhar għaż-żewġ uliedu għaliex kien qiegħed iħallas ir-ripagamenti fuq id-dar matrimonjali filwaqt li jippretendi li jżomm l-assi kollha li huma akkumulaw fiż-żwieġ.*

*Illi naturalment dan la kien jagħmel sens, la kien aċċettabbli għar-rikorrenti, u lanqas kien ġustifikat.*

*Illi dan kollu f'kuntest fejn l-esponent kienet tieħu ħsieb lill-ulied u taħdem sigħat limitati estremament bħala hairdresser minħabba l-impenji marbuta mal-ulied, filwaqt li r-raġġel jaħdem sigħat twal pero' b'entrojtu li spiss jiżboq il-mitt elf Ewro (EUR100,000) fis-sena!*

*Illi issa wkoll l-istess rikorrent mhux biss għadu jivvanta l-istess pretensjonijiet imma wkoll jippretendi li jgħabbi nofs l-ispejjeż relatati mar-ripagamenti tad-dar matrimonjali fuqha filwaqt li ma jħallasx manteniment għal bintu u dan kollu tagħmel tajjeb għalih mill-entrojtu miżeru li qed jirnexxilha tgħaqqad!*

*Illi naturalment minn wara li l-partijiet bdew il-proċeduri għas-separazzjoni tagħhom l-esponenti impenjat ruħha u għamlet tentattivi sabiex mill-gdid tistabilixxi ruħha fix-xogħol tagħha u tgħin ruħha, b'dan illi assolutament mhuwiex realistiku li wieħed jgħid li issa l-partijiet jistgħu jikkontribwixxu b'mod ugwali għall-bżonnijiet tal-ulied u l-ispejjeż marbuta mad-dar meta hemm disparita esaġerata tant fil-mezzi tagħhom, kif ser jirriżulta.*

*Illi altru milli mhux ġustifikat jew li huwa esaġerat, in-nuqqas ta' rieda li r-rikorrenti jirrikonoxxi dawk id-drittijiet li l-esponenti għandha fuq l-assi komuni tal-partijiet jagħmlu dan il-mandat neċessarju. Huwa minnu li llum wieħed miż-żewġ ulied tal-partijiet għażel li jkompli jirrisjedi mar-rikorrenti u ċertament wieħed jista' jikkonsidra riduzzjoni f'dan is-sens b'dan illi d-drittijiet kollha rimanenti fuq il-manteniment ta' bint il-partijiet*

*u s-sehem tagħha tal-proprjeta' komuni tal-partijiet għandhom jibqgħu mhux mittiefsa.*

*Illi wara kollox l-esponenti tirrileva li l-istima tad-dar matrimonjali mressqa mir-rikorrent stess tixhed li l-istess proprjeta' mmobbli tal-partijiet għandha valur ta' mitejn u erbgħin elf Ewro (EUR240,000) u fl-istess waqt l-istess rikorrent f'din il-proċedura jgħid li l-mandat odjern huwa eċċessiv!*

*Għal dawn ir-raġunijiet u oħrajn li ser jiġu trattati fis-smigħ odjern l-esponenti tirrileva li l-mandat għandu jibqa' fis-seħħ salv għal riduzzjoni kwantu għall-manteniment ta' iben il-partijiet li jidher li għandu x-xewqa li jkompli jirrisjedi mar-rikorrent.*

3. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet, illi saret fl-24 ta’ Marzu 2022, wara liema trattazzjoni l-kawża tħalliet għas-sentenza illum.

4. Rat il-verbal illi sar mill-konsulent legali ta’ DDD fejn ikkonferma illi l-fond matrimonjali tal-partjiet għandu jitqies li għandu valur ta’ mitejn u erbgħin elf Euro (€240,000).

**Ikkunsidrat**

5. Jirriżulta, minn dak indikat mill-abbli difensuri tal-partijiet fl-atti minnhom redatti, illi l-partijiet odjerni għaddejjin minn proċeduri ta’ separazzjoni, fejn l-ewwel ir-rikorrent DDD ippreżenta l-proċeduri ta’ medjazzjoni u sussegwentement l-intimata MMM ippreżentat il-proċeduri ta’ medjazzjoni flimkien mal-Mandat ta’ Sekwestru odjern, Sekwestru Nru 221/2021 ippreżentat fis-7 ta’ Diċembru 2021.

6. Jirriżulta illi l-proċeduri ta’ medjazzjoni għadhom pendenti u ma ġiex ippreżentat quddiem dina l-Qorti xi digriet relatat mal-ħlas ta’ manteniment.

7. Jirriżulta illi, fis-7 ta’ Diċembru 2021, l-intimata ippreżentat il-Mandat ta’ Sekwestru odjern, Nru 221/2021, fejn talbet li jiġi sekwestrat il-kreditu ta’ mija u għoxrin elf (€120,000), rappreżentanti:

> *“is-sehem tagħha mill-valur konservattiv attribwit lil fond matrimonjali, propjeta tal-parijiet, opra tal-baħar propjeta tal-konjuġi, oltre l-manteniment dovut mill-intimat lir-rikorrenti għat-trobbija ta’ ulied il-partijiet ossija €300 għal kull wild kull xahar kapitalizzat, in vista tal-entrojtu tal-intimat.”*

8. Jirriżulta illi l-partijiet għandhom żewġt itfal minuri, iben ta’ ħmistax-il sena, li jgħix mar-rikorrent missieru DDD, u tifla ta’ sebgħa snin, li tgħix ma’ l-intimata ommha MMM.

9. Jirriżulta illi ma hemm ebda digriet ta’ manteniment, da parti tal-Qorti, għall-manteniment tat-tifla minuri, u ma jidhirx illi, sa issa, saret xi talba f’dik is-sens.

10. Jirriżulta illi d-dar matrimonjali tal-partijiet, illi ġie dikjarat u maqbul illi jiswa €240,000, hija taż-żewġ partijiet flimkien u preżentement tirrisjedi fiha l-intimata MMM, ad esklużjoni tar-rikorrent.

11. Jirriżulta illi r-rikorrent, fil-preżent, jgħix flimkien mal-ġenituri tiegħu u jinsab prekluż milli jikri fond ieħor stante illi l-flejjes kollha tiegħu huma miżmuma permezz ta’ tali Mandat ta’ Sekwestru.

12. Jirriżulta mhux ikkontestat illi d-dar matrimonjali, hija propjeta konġunta tal-partijiet, u għalhekk ma tistax tiġi disposta b’ebda mod, jekk mhux bi qbil taż-żewġ partijiet.

13. Jirriżulta illi, għalkemm l-intimata tikkontendi illi l-Mandat ta’ Sekwestru huwa meħtieġ sabiex jiġu kkawtelati d-drittijiet tagħha u tal-manteniment tat-tifla minuri, ma jidher li saru ebda proċeduri legali għall-ordni ta’ manteniment għat-tifla minuri u, jidher ċar illi d-dar matrimonjali tal-partijiet, li fiha l-intimata qiegħda tirrisjedi ad eskluzzjoni tar-rikorrent wara proċeduri ta’ tkeċċija minnha mibdija, hija ta’ valur tali illi l-garanzija minnha rikjest jinsab suffiċjentement kkawtelat bil-propjeta innifisha.

14. Jirriżulta wkoll, mill-banda l-oħra, illi l-Mandat odjern qiegħed jimpedixxi lir-rikorrent DDD illi jgħix b’mod deċenti, peress illi l-introjtu tiegħu ġie miżmum w l-pagamenti rateali in konnessjoni mal-propjeta matrimonjali w konġunta tal-partijiet ma jistgħux isiru in vista ta’ tali mandat.

15. Illi, filwaqt illi Mandat ta’ Sekwestru huwa intiż sabiex jagħti garanzija lil min qiegħed jippretendi xi dritt mingħand persuna li hija milquta minn tali Mandat, ma għandu qatt jintuża sabiex iqiegħed parti oħra f’posizzjoni dgħajfa f’negozjati, bħalma huma fil-każ odjern, id-diskussjonijiet relatati mas-separazzjoni tal-partijiet, u ċertament tali Mandat ma huwiex fl-aħjar interess taż-żewġ partijiet inniffishom, peress illi qiegħed jipperikola l-assi prinċipali illi għandhom il-partijiet, w li hija l-aħjar garanzija għall-intimata, ossija d-dar matrimonjali, peress illi l-loan ma huwiex qiegħed jitħallas bil-possibbilta’ li l-propjeta tispiċċa tittieħed minn l-entita’ illi kkonċediet is-self lill-partijiet.

16. Illi, għalhekk, il-Qorti tqis illi tali Mandat ta’ Sekwestru huwa eċċessiv w l-intimata MMM għandha beni suffiċjenti f’idejha sabiex jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha mingħajr ma żżomm ukoll il-flejjes kollha fil-pussess u li jista’ jirċievi fil-futur, tar-rikorrent DDD.

17. Għalhekk, it-talba odjerna timmerita illi tiġi milqugħa.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta’ l-intimati, u għalhekk:

**Tilqa’** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tirrevoka** il-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Nru 221/2021 maħruġ fis-7 ta’ Diċembru 2021.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**